


# Programm tal-Festi organizzati mill-
# Għaqda Mużikali Imperial
## fl-okkażjoni tal-Festa ad unur ta'
# Marija Bambina
## Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa

### Mis-26 t'Awwissu sat-8 ta' Settembru 2011

### Il-Ġimgħa – 26 t'Awwissu

**8.00p.m.** Barbeque fil-Pjazza tal-Parroċċa. Ikun hemm kant u divertiment ieħor. Mistiedna speċjali l-kantanta Marisa D'Amato.

### It-Tnejn – 29 t'Awwissu

**8.00p.m.** Laqgħa soċjali għall-Emigranti Melleħin li jkunu fostna biex flimkien magħna jiċċelebraw il-Festa ta' Marija Bambina.

### It-Tlieta – 30 t'Awwissu

**8.00p.m.** Kunċert Ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### L-Erbgħa 31 t'Awwissu

**6.30p.m.** Is-Soċjetà flimkien mal-Banda u l-Kor jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Parrokkjali fl-okkażjoni ta' "Jum l-Għaqdiet Ċivili".

**8.00p.m.** *Treasure Hunt* organizzata mill-grupp żgħażagħ tal-Banda Imperial.

### Il-Ġimgħa – 2 ta' Settembru

**8.00p.m.** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara jsir riċeviment fis-Sala tal-Każin.

### Is-Sibt– 3 ta' Settembru

**8.00p.m.** Riċeviment fil-każin għall-membri tal-Kumitati bandisti, membri tal-Kor flimkien man-nisa u l-irġiel tagħhom.

## Il-Ħadd – 4 ta' Settembru

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq l-Għerien, Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq il-Parroċċa sal-Pjazza tal-Parroċċa.

## It-Tnejn – 5 ta' Settembru

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda San Ġorġ ta' Bormla minn Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq id-Dħin, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq San Ġużepp, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Parroċċa sal-Pjazza tal-Parroċċa.

## It-Tlieta– 6 ta' Settembru

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq il-Muna, Triq Santa Marija, Triq F. Zahra, Triq il-Kbira, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa sal-Pjazza tal-Parroċċa fejn il-Banda takkumpanja t-tlugħ tal-istatwa ta' Malta fuq il-pedestall tagħha bid-daqq tal-Innu Malti.

## L-Erbgħa – 7 ta'Settembru

**7.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Kbira (ħdejn il-Mitħna) sal-Pjazza tal-Parroċċa.

**10.30p.m.** Il-Banda Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Anthony Borg tesegwixxi l-Innu "Ad Unur ta' Marija Bambina", versi ta' Nikol Biancardi u mużika tas-Surmast Vincenzo Ciappara. Flimkien mal-Banda, jieħdu sehem it-Tenur Brian Cefai, il-Baritonu Alfred Camilleri u l-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial. Il-programm jintemm bid-daqq tal-Innu Marċ Popolari "Tal-Iljun", flimkien mal-Innu tal-Banda, fost il-briju tal-partitarji u n-nies preżenti.

## Il-Ħamis – 8 ta' Settembru

**5.30p.m.** Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq Sant'Anna sal-Pjazza tal-Parroċċa. Wara jittella' programm mużikali mill-Banda San Sebastjan taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha Mro. Domenic Darmanin F.L.C.M. quddiem il-Każin. Il-programm jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu "Ad Unur ta' Marija Bambina" hekk kif l-istatwa tasal quddiem il-Każin.

## Il-Ġimgħa – 9 ta' Settembru

Filgħaxija se tiġi organizzata ħarġa tal-għada tal-festa mill-Kumitat Nisa.

**VIVA MARIJA BAMBINA!**

# Trasmissjoni 'Live'

# Festa ta' Marija Bambina 2011

Bejn is-26 t'Awwissu u t-8 ta' Settembru 2011 ser inxandru 'live' l-attivitajiet tal-Għaqda Mużikali Imperial u l-funzjonijiet reliġjużi fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Bambina 2011 fuq is-sit eletroniku

# www.imperialbandclub.com

*Inħeġġukom li tinfurmaw lil qrabatkom emigranti biex flimkien magħna jgawdu l-Festa ta' Marija Bambina.*